

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili Medjazzjoni](#) > [Scotland](#)

## Medjazzjoni

Skozja

Skozja

### L-Artikolu 10 – Informazzjoni dwar il-qradi jew l-awtoritajiet kompetenti

Ir-Regolamenti tal-Medjazzjoni Transfruntiera (l-Iskozja) tal-2011 jimplimentaw id-Direttiva 2008/52/KE dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali. Din id-Direttiva tippermetti li l-ftehimiet ta' medjazzjoni jsiru eżekutorji fl-Istati Membri. Ir-Regolamenti tal-Iskozja japplikaw għal tilwim "transfruntier" (jiġifieri meta mill-anqas parti waħda f'tilwima tkun domiċiljata jew abitwalment residenti fi Stat Membru li ma jkunx dak tal-parti l-oħra) għar-rigward ta' ċerti materji ċivili jew kummerċjali.

Jekk tkun tixtieq tinforza l-kontenut ta' xi ftehim ta' medjazzjoni fl-Iskozja, trid issegwi wieħed minn dawn il-proċeduri:

- Tista' tapplika għand il-Qorti ta' Sessjoni (Court of Session), jew quddiem Qorti tax-Sheriff (Sheriff Court) biex titlob lill-Qorti "tinterponi" l-awtorità tagħha għall-ftehim ta' medjazzjoni. Dan jitransforma l-ftehim f'ordni tal-qorti.
- Bħala alternattiva, jistgħu jiġu rreġistrati ftehimiet bil-miktub li huma prova tagħhom infushom, biex jiġu eżegwiti fil-Kotba tal-Kunsill u s-Sessjoni jew fil-Kotba tal-Qorti tax-Sheriff. Sabiex tirreġistra l-ftehim fil-Kotba tal-Kunsill u s-Sessjoni, għandek tapplika għand id-Detentur tar-Reġistri fl-Iskozja (Keeper of the Registers). [Hawnhekk](#) tista' ssib informazzjoni dwar il-Kotba tal-Kunsill u s-Sessjoni. Meta jiġi rreġistrat ftehim biex jiġi eżegwit, id-dokument jiġi strument awtentiku.

Il-ftehimiet li jkunu ġew approvati mill-Qorti jew irreġistrati minn kull wieħed mill-metodi spjegati hawn fuq jistgħu jkunu eżekutorji fi Stati Membri oħra tal-UE.

L-aħħar aġġornament: 17/02/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.